4 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*,
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Carmelo Micallef *versus* Angelo Ellul et.

**Lokazzjoni — Kambjament ta' Destinazzjoni tal-Fond — Ħanut — Dar.**

*Jekk il-kerrej, bl-akkwijexxenza tas-sid, ibiddel id-destinazzjoni tal-fond minn ħanut għal dar ta' l-abitazzjoni, u l-fond jiġi hekk użat għal żmien bejn wieħed u ieħor twil, dak l-istess kerrej ma jistax*

*bhala prinċipju, jerġa' jbiddel id-destinazzjoni tal-fond u minn dar jagħmlu ħanut, mingħajr il-kunsens tas-sid.*

*Fil-każ preżenti, fil-waqt li aċċettat dan il-prinċipju, il-Qorti ma applikatux għall-każ in ispeċje, minħabba ċ-ċirkustanzi anormali li fihom kien sar l-imsemmi kambjament.* —

Il-Qorti — Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board tal-biex jerġa' jieħu pussess tal-fond nru. 15. Second Street, Msida, mikri lill-intimati, peress li biddlu d-destinazzjoni tal-post minn abitazzjoni għal ħanut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board fuq imsemmi tat-22 ta' Jannar 1947, fejn ċaħad it-talba, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, iżda bid-dritt tar-reġistru kontra r-rikorrent; wara li kkunsidra;

Illi l-post gie mikri anki bħala ħanut; illi fis-sena 1942 l-intimata rrinunzjat għall-permessi li kellha għan-negozju; illi bħala prinċipju mhux leċitu li inkwilin ibiddel id-destinazzjoni tal-post minn ħanut għal dar ta' abitazzjoni bl-akkwijexxenza tas-sid, u mbagħad, meta jidhirlu, jerġa' jiftaħ il-ħanut; illi f'dana l-każ hemm fattezzi speċjali li juru li l-aġir ta' l-intimata ma jikkostitwix tibdil ta' destinazzjoni; illi infatti hija waqfet mill-eżerċizzju tan-negozju minħabba ż-żmienijiet anormali li konna fihom; illi r-rikorrent irid japprofitta ruħu minn dan il-fatt għax irid il-post għalih;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Micallef fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrent u kkundannatu jħallas parti mill-ispejjeż, u konfermata għall-kumplament; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi dina l-Qorti taqbel mal-Board tal-Kera fil-prinċipju stabbilit illi, jekk il-kerrej bl-akkwijexxenza tas-sid ibiddel id-destinazzjoni ta' post minn ħanut għal dar ta' abitazzjoni, li tiġi hekk użata għal ċertu żmien bejn wieħed u ieħor twil, ma jkunx jista' dak l-istess kerrej, meta jrid, jerġa' jbiddel mill-ġdid id-destinazzjoni ta' dak il-post f'ħanut mingħajr kunsens tas-sid. Dan huwa raġjonevoli u ġust, għaliex is-sid aċċetta l-

ewwel tibdil, vwoldiri li l-post ħa dik id-destinazzjoni l-ġdida ta' dar ta' abitazzjoni, u allura l-kunsens ġdid tas-sid għat-trasformazzjoni tal-post, anki parzjalment, f'ħanut, huwa meħtieġ;

Fil-fattispeċje jidher però mir-riżultanzi *proċesswali* li l-intimata originarjament ħadet il-post biex tużah bħala ħanut, u ttrasferiet il-permessi li kellha minn post ieħor għal numru 15, Second Street, Msida, il-post in kwistjoni. *Fl-1942 hija rrinunzjat għall-permessi*, imma *baqgħet klandestinament tin-negozja*. Fl-1946 saret ir-renova ta' l-istess permessi;

Illi r-rikorrent kien jaf li għall-ewwel l-intimata Ellul żammet negozju fil-fond u dina kienet id-destinazzjoni tiegħu; u jekk il-permessi ġew sospiżi matul parti mill-gwerra, dan kien dovut għaċ-ċirkustanzi anormali allura prevalenti;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-Board, li huma adottati;

Tirrespingi l-appell tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza tal-Board; bl-ispejjeż ta' dina l-istanza *kontra l-appellant*.